**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 19 – IT-TNEJN, 8 TA' ĠUNJU 2020 FIL-5.35pm**

Il-Kunsill iltaqa' via Skype.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 18**

1.1 Kien hemm 3 korrezzjonijiet. F'paragrafu 4.4 għandha tidħol "postposti" minflok "ikkanċellati". F'paragrafu 4.5 għandha tidħol "is-Sindku nforma lill-Kunsill". F'paragrafu 6.1.1 għandha tidħol "fi Triq R Caruana Dingli".

1.2 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 18**

2.1 Dwar paragrafu 4.3, is-Sur Dominic Cassar staqsa fiex wasal il-pubblikazzjoni tal-ktieb Kullana ta' Kitbiet li ser jippubblika l-Kunsill. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici irrisponda li qiegħed għal printing u ser jiġi launched f'attività tal-anzjani fit-3 ta' Lulju fejn l-anzjani ser jingħataw kopja tal-ktieb.

**3 Pagamenti Numru 20**

3.1 Is Sinjura Tania Borg ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku tkellem dwar CD li pproduċa Philip Vella. Hu ppropona li jinxtraw 200 kopja bi prezz speċjali ta' 5 Euro minflok 10 Euro u tingħata kopja lill-anzjani fl-ewwel attività li għandha ssir tal-Club 55+ fit-3 ta Lulju. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar un/loading li saret fi Triq in-Naxxar li saret viċin ħafna ta' entratura komuni ta' numru ta garaxxijiet. Kien hemm qbil li għandha issir talba lil TM biex din titneħħa.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm 3 appelli għat-tender tal-knis. Għandha ssir query tad-DLG biex naraw x'inhi l-proċedura biex jitwaqqfu l-kuntratturi eżistenti.

4.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord tal-Evalwazzjoni għat-tender tal-Bulky Refuse għamel ir-rakomandazzjoni biex tintgħażel l-offerta ta' Galea Cleaning Solutions. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm diskussjoni dwar talba minn San Ġwann FC biex nassisstu fi proġett fil-ground. L-ispiża għal dan il-proġett tlaħħaq 3,000 Ewro. Wara diskussjoni, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiffinanzja 1500 Ewro. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Affarjiet Ohra

6.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis tkellem dwar problema ta' parkeġġ li hemm fi Triq is-Sebuqa.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar tkellem dwar problema ta' ħamiem li hemm f'xi toroq.

6.3 Is-Sinjura Violet Bajada tkellmet dwar meta jista' jibda s-servizz tal-podoloġista u l-monitoring. Għandha tiġi stabbilita data sal-laqgħa li jmiss.

6.4 Is-Sinjura Tania Borg tkellmet dwar il-possibbiltà li jsiru private lessons fil-Kunsill.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2020 fil-5.30pm

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**